

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-25 ta' April 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Tribunal de Contas) – il-Portugall – Secretaria Regional de Saúde dos Açores vs Ministério Público  
 (Kawża C-102/17)<sup>(1)</sup>

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 53(2) u Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Artikolu 267 TFUE — Kunċett ta' "qorti jew tribunal ta' xi Stat Membru" — Proċedura intiża għal deċiżjoni ta' natura ġuridika — Qorti tal-Audituri nazzjonali — Stħarriġ preliminari tal-legalità u tal-ġustifikazzjoni bagħitarja ta' spiżza pubblika — Inammissibbiltà manifesta)

(2018/C 240/09)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

### **Qorti tar-rinviju**

Tribunal de Contas

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Secretaria Regional de Saúde dos Açores

Fil-preżenza ta': Ministério Público

### **Dispożittiv**

It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal de Contas (il-Qorti tal-Audituri, il-Portugall), permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' Jannar 2017, hija manifestament inammissibbli.

<sup>(1)</sup> ĠU C 151, 15.05.2017

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-12 ta' April 2018 – Cryo-Save AG vs L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), MedSkin Solutions Dr. Suwelack AG

(Kawża C-327/17 P)<sup>(1)</sup>

(Appell — Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' revoka — Irtirar tat-talba għal revoka — Appell li ma għadxi għandu skop — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni)

(2018/C 240/10)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### **Partijiet**

Rikorrenti: Cryo-Save AG (rappreżentant: C. Onken, Rechtsanwältin)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) (rappreżentant: D. Hanf, aġġent), MedSkin Solutions Dr. Suwelack AG (rappreżentant: A. Thünken, Rechtsanwalt)

### **Dispożittiv**

1) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar dan l-appell.

2) Cryo-Save AG hija kkundannata għall-ispejjeż sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) fil-kuntest ta' din l-istanza.

3) Cryo-Save AG u MedSkin Solutions Dr. Suwelack AG għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

(<sup>1</sup>) ĠU C 330, 02.10.2017

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-17 ta' April 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Administrativo e Fiscal de Coimbra – il-Portugal – Luís Manuel dos Santos vs Fazenda Pública**

(Kawża C-640/17) (<sup>1</sup>)

(Rinvju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Taxxi interni — Projbizzjoni ta' taxxi diskriminatorji — Artikolu 110 TFUE — Taxxa unika tat-triq għal vetturi bil-mutur — Stabbiliment tar-rata ta' taxxa skont id-data tal-ewwel reġistrazzjoni tal-vettura fl-Istat Membru ta' tassazzjoni — Vetturi bil-mutur użati importati minn Stati Membri oħra — Assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni tad-data tal-ewwel reġistrazzjoni fi Stat Membru ieħor)

(2018/C 240/11)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Administrativo e Fiscal de Coimbra

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Luís Manuel dos Santos

Konvenut: Fazenda Pública

**Dispożittiv**

L-Artikolu 110 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li permezz tagħha t-taxxa unika tat-triq li hija tistabbilixxi tinġabar fuq il-vetturi bil-mutur żgħar intiżi għat-transport ta' passiġġieri li jkunu ġew irreġistrati jew imniżżlin fl-imsemmi Stat Membru mingħajr ma tittieħed inkunsiderazzjoni d-data tal-ewwel reġistrazzjoni ta' vettura meta din tkun twettqet fì Stat Membru ieħor, bil-konsegwenza li t-tassazzjoni tal-vetturi importati minn Stat Membru ieħor tkun oħla minn dik tal-vetturi simili mhux importati.

(<sup>1</sup>) ĠU C 42, 5.2.2018.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-10 ta' April 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Judeċatoria Oradea) – ir-Rumanija – CV vs DU**

(Kawża C-85/18 PPU) (<sup>1</sup>)

(Rinvju għal deċiżjoni preliminari — Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili — Ġurisdizzjoni fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri — Kustodja tal-wild — Regolament (KE) Nru 2201/2003 — Artikoli 8, 10 u 13 — Kunċett ta' “residenza abitwali” tal-wild — Deċiżjoni mogħtija mill-qorti ta' Stat Membru ieħor dwar il-post ta' residenza tal-wild — Tnejħiha jew żamma illegali — Ġurisdizzjoni fil-każ ta' ħtif tal-wild)

(2018/C 240/12)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

**Qorti tar-rinviju**

Judeċatoria Oradea